KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tas-Sbatax (17) il-Laqgħa tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu, 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Cerpersin Raymond Bartolo | 6.00 p.m. | 8.40 p.m. |
| Viċi-Cerpersin Simone Aquilina | 6.00 p.m. | 8.40 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | Skużat | |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | 6.34 p.m. | 8.40 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | 6.00 p.m. | 8.40 p.m. |

Iċ-Ċerpersin mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea ma attenditx għal-Laqgħa minħabba mpenji oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tas-Sittax (16) il-Laqgħa li nżammet fil-15 ta' Frar, 2012**

Il-minuti tas-Sittax il-Laqgħa tal-15 ta' Frar, 2012 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati wara bla ebda emenda

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa tal-15 ta' Frar, 2012**

2.01 **Dwar Item 2.01 – Kamra quddiem "Scotts Supermarket".**
Intbagħtet *site-plan* lill-Ing. Paul Micallef (WSC) u dan għandu jinforma lill-Kumitat jekk din il-kamra hijiex tal-WSC.

2.02 **Dwar Item 2.02 – Laqgħa mal-Klabb tal-Futbol.**
Iċ-Ċerpersin Ray Bortolo qara abbozz ta' ftehim li kien ipprepara l-avukat tal-Kunsill u dan ġie approvat unanimament u ġie ffirmat.

2.03 **Dwar Item 2.04 – Ħitan Perikolużi fi Triq tal-Wardija.**
Iċ-Ċerpersin ippreżenta kwotazzjoni tal-Ġeoloġista għal-pezz ta' Euro 4,200. Din tinkludi tneħħija, irbit ta' blat perikoluż, tindif, ħadid u konkrit kif meħtieġ, u tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ. Iċ-Ċerpersin għandu jibgħat kopja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-membri kollha. Sar qbil li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet u li ċ-Ċerpersin jitlob lill-Ġeoloġista jekk jistax juża l-istess studju għall-kwotazjoni anke jekk dan ikun jinvolvi xi ħlas.


**Sindku** : Mario Salerno
**Segretarju Eżekuttiv** : John J. Camilleri

2.04 **Dwar Item 2.04- *Traffic Management.***
Is-Sur Ray Bartolo qal li kienu ġew installati *rumble-strips* u tpenġiet il-50km/hr fil-*Main Road.* Tlestiet ukoll il-pjanta tat-tkabbir tas-*Service Road.* Qed nistennew l-approvazzjoni ta-TM.

2.05 **Dwar Item 2.05 – Twittija ta' Triq bil-Konkos.**
Iċ-Ċerpersin qal li kien ser jikkonsulta mal-Perit tal-Kunsill Etienne Magri biex ikunu jistgħu jibdew jitwettqu x-xogħlijiet.

2.06 **Dwar Item 5.02 – Ftuħ mill-ġdid tal-wied sas-Salina.**
Iċ-Ċerpersin qal li kien tkellem mal-perit inkarigat u ġie infurmat li kien hemm il-pjan li jsir riserva ta' madwar 20,000cu.mtr ta' ilma sabiex tnaqqas il-volum ta' ilma li qed jinġabar fit-toroq ta' Burmarrad. Sadanitant għadhom qed isiru studji ta' kif jitħammel il-wied naturali li kien hemm f'dik iż-żona. Sar qbil li dan kien jaqbel mal-ħsieb li għandu l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

2.07 **Dwar Item 6.01 – Xogħlijiet.**
Is-Sur Ray Bartolo qal li l-Kuntrattur Adam Bugeja għandu jiġi nfurmat sabiex jibda x-xogħol tas-*centre-stip* f'Burmarrad u diversi xogħlijiet oħra li għandu pendenti dan il-kuntrattur.

2.08 **Dwar Item 7.00 - *Law Enforcement* f'Burmarrad/Wardija.**
Sar qbil li s-Sindku l-ġdid jiġi mitlub jintervjeni dwar dan mal-pulizija.

2.09 **Dwar Item 8.00- Laqgħa Annwali tar-Residenti.**
Sar qbil unanimu li l-aġenda titqassam bieb-bieb mar-residenti kollha ta' Burmarrad u l-Wardija. Kopja tal-*powerpoint presentation* u dokumenti oħra għandhom ukoll jitqassmu waqt il-Laqgħa. Gie maqbul illi l-*powerpoint presentation* imbagħad tiġi fformulata f'tip ta' magazine biex jitqassam bieb-bieb.

**3.00 Materji Finanzjarji.**

Din l-aġenda *item* tħalliet għal-Laqgħa oħra.

**4.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

Ma kienx hemm korrispondenza x'tinqara.

**5.00 Tindif tal-Widien.**

5.01 Iċ-Ċerpersin qal li kien infurmat li d-dipartiment tat-tindif tal-widien fi ħdan il-Ministeru (MRRA) kien qed jagħmel evalwazzjoni tal-widien kollha f'Malta. Dwar Wied Qannotta, intqal li kien ser isir tindif mill-ewwel diġa' sa Scotts Supermarket.

**6.00 Kuntratt taż-żamma tal-Pjazza Burmarrad.**

6.01 Iċ-Cerpersin, is-Sur Raymond Bartolo qal li ma kienx ġust li l-Kunsill ma kienx ħareġ is-sejħa għaż-żamma u manutenzjoni tas-*soft-areas* u l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad baqa' jħallas is-somma ta' 800 euro fix-xahar. Huwa qal li kien ser iressaq talba dwar dan fil-Laqgħa tal-Kunsill.

**7.0 Laqgħa Annwali tal-Lokalita' f'Burmarrad 2011.**

Il-Kumitat ġie nfurmat li kienu saru arranġamenti biex din il-Laqgħa ssir fiċ-Centru parrokkjali ta' Burmarrad.

**8.00 Devoluzzjoni ta'art fi Triq Papa Gwanni Pawlu II.**

8.01 Is-Sur Bartolo qal li kien hemm sit partikulari fi Triq Papa Gwanni Pawlu II li kienet tal-gvern u li qed jintuża bħala miżbla. Il-Kumitat kien tal-fehma li għandha tintalab id-devoluzjoni ta' dan is-sit u l-perit jara għal xiex din tista' tintuża. Sadanitant jitwaħħlu tabelli '*No Dumping*'.

**9.00 Ħajt tal-Wardija.**

Dan l-item tal-aġenda ġie diskuss fil-Punti Mqajma aktar kmieni fil-Laqgħa.

**10.0 *Flower pots.***

Dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**11.00 Aġġornamenti.**

11.01 Is-Sinjura Simone Aquilina qalet li kien hemm bżonn ta' skip għas-Sinjura Fiorella DeMarco. Kien hemm qbil li jingħata.

Hija sostniet illi għandu jsir pjan ħolistiku dwar sistema tad-dwal fit-toroq tal-Wardija għaliex kienet ġiet interpretata ħażin meta hija kienet tkellmet dwar talba għal bozza partikulari.

Hija qalet ukoll li kien hemm bżonn li titwaħħal mill-ġdid it-tabella ta' Triq il-Ballut. Kien hemm bżonn ta' bozza fi Triq tas-Sultan li kienet imkissra, u l-bżonn ta' sinjali ta' toroq u kontenituri taż-żibel madwar il-Wardija. Hi għandha tipprepara pjanta preċiża ta' fejn dawn għandhom jehlu.

11.02 Is-Sur Carmel Hili qal li tabella '*Dead End*' fi Triq l-Insolja kienet għada ma' twaħlitx. Gie maqbul illi din issir.

Huwa talab ukoll li jingħata n-notamenti dwar Festa Bdiewa.

11.03 Is-Sur Joseph Hili qal li kien ser jipprepara kwestjonarju dwar il-*hobbies* u interessi oħra tar-residenti sabiex dan jintuża meta tkun ser issir xi attivita'. Dan kien ser jinkludi wkoll talbiet għal korsijiet diversi li wieħed ikun jixtieq jattendi.

11.04 Is-Sur Ray Bartolo qal li kien hemm bżonn jissewwew ħsarat li kien hemm fil-funtana tal-pjazza ta' Burmarrad.

Huwa awgura lis-Sinjuri Peter Abela u Carmel Hili għall-elezzjoni tagħhom fil-Kunsill u rringrazja lis-Sindku l-Perit Graziella Galea tal-għajnuna u s-sapport li dejjem tat lill-Kumitat kif ukoll lil dawk il-Kunsilliera li ma kienux reġgħu ġew eletti u li iżda kienu dejjem taw is-sapport tagħhom.

**12.0 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fid-8.40 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 25 ta' April 2012, fis-sitta ta' filgħaxija.

***Ray Bartolo***
***Cerpersin***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***

24 ta' April 2012

Ref: 55 / 3894 / 12 / OCZ